# AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI

Reference Number: PR142715mt, Press Release Issue Date: Nov 19, 2014

Skont l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru. 178 tal-2002, id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fi ħdan is-Sovrintendenza Saħħa Pubblika, jixtieq jinforma lill-pubbliku, li wara analiżi li saret il-prodott hawn taħt imsemmi m'għandux jiġi kkonsmat minn persuni li għandhom allerġija għall-karawett minħabba li l-istess prodott instablu fih traċċi ta' karawett li ma kienux iddikjarati fuq it-tiketta.

| | |
|---|---|
| Deskrizzjoni tal-Prodott: | Lotto Monsters Snacks |
| Ditta: | Best Foods |
| Deskrizzjoni tal-maħfen | Boroż tal-fojl ta' kulur vjola/roża jleqq |
| Oriġini: | Rumanija |
| Użin: | 35g |
| Numru tal-Lott: | 1324 |
| Data tad-Durabbilita' minima: | 13/5/2015 |




Il-Kumpanija nvoluta ġiet obbligata tirtira l-prodott mis-suq, iżda peress li probabilment il-prodott laħaq wasal għand il-konsumatur, bħal ma jsir f'dawn il-każijiet, d-Direttorat huwa obbligat li jiġbed l-attenzjoni tal-pubbliku.

Għal aktar informazzjoni, il-pubbliku jista' jċempel lis-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa fuq numru tat-telefon – 2133 7333 mit-8:00 ta' filgħodu sas-2:30 ta' waranofsinhar jew jibgħat imejl fuq mhi@gov.mt. Il-pubbliku jista' wkoll jirrikorri personalment fl-uffiċċju tal-istess Direttorat li jinsab ġewwa Continental Business Centre, Old Railway Track, Santa Venera. Il-pubbliku huwa ġentilment mitlub iżur il-paġna tad-Direttorat fuq Facebook https://www.facebook.com/pages/Environmental-Health-Directorate-Malta/145027878928626?ref=hl jew is-sit uffiċjali fuqhttps://ehealth.gov.mt/HealthPortal/public_health/environmental-health/department_for_env_health.aspxgħal informazzjoni simili.